# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-14 ta' Diċembru 2007**

**li tistabbilixxi l-"Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka" għall-ġestjoni ta' ċerti oqsma tal-programmi Komunitarji speċifiċi Nies, Kapaċitajiet u Kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/46/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nruº58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità [1], u partikolarment l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nruº 58/2003 jagħti l-poter lill-Kummissjoni li tistabbilixxi aġenziji eżekuttivi skond l-istatut ġenerali stabbilit minn dak ir-Regolament u li tafdahom b'ċerti xogħlijiet ta' ġestjoni konnessi ma' wieħed jew aktar mill-programmi Komunitarji.

(2) Il-ħolqien ta' aġenzija eżekuttiva għandu l-għan li jgħin lill-Kummissjoni tiffoka fuq l-attivitajiet u l-ħidmiet ta' qofol tagħha li ma jistgħux jiġu assenjati lil entitajiet esterni, mingħajr, madankollu, ma titlef il-kontroll fuq, jew ir-responsabbiltà aħħarija għal, l-attivitajiet li jitmexxew mill-aġenziji eżekuttivi msemmija.

(3) Id-Deċiżjoni Nruº1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) [2] tinvolvi l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni fi ħdan il-qafas tal-programmi speċifiċi Nies, Kapaċitajiet u Kooperazzjoni li ma tirrikjedi l-ebda teħid ta' deċiżjoniet politiċi u teħtieġ livell għoli ta' għarfien espert tekniku u finanzjarju matul iċ-ċiklu kollu tal-proġett.

(4) Ftehim ta' għotjiet li kienu saru taħt is-Seba' Programm Kwadru jistgħu jkomplu għaddejjin għal diversi snin b'għadd sinjifikanti ta' għotjiet li jidħlu fis-seħħ fl-2014 u jibqgħu taħt ġestjoni attiva fl-2017 u anke wara.

(5) Id-delega, lil aġenzija eżekuttiva, ta' xogħlijiet konnessi ma' l-implimentazzjoni tal-programm tista' ssir b'distinzjoni ċara bejn l-istadju ta' l-ipprogrammar, li għandu jsir mill-Kummissjoni, u l-implimentazzjoni tal-proġett, li tkun fdata lill-aġenzija eżekuttiva.

(6) Il-Programm Speċifiku Nies u l-parti tal-Programm Speċifiku Kapaċitajiet dwar ir-Riċerka għall-Benefiċċju ta' l-SME's huma kkaratterizzati minn proġetti li jiġġeneraw għadd kbir ta' operazzjonijiet żgħar.

(7) Sigurtà u Spazju tal-Programm Speċifiku Kooperazzjoni huma oqsma ġodda li għalihom il-Kummissjoni għad m'għandhix għarfien espert intern sinjifikanti u li jistgħu jservu bħala pilota għall-implimentazzjoni, minn aġenzija eżekuttiva, ta' proġetti tar-riċerka kollaborattivi aktar kumplessi.

(8) Aġenzija eżekuttiva tista' wkoll twettaq kompiti ta' sostenn ċentrali amministrattiv u loġistiku f'oqsma oħra tal-Programm Kwadru.

(9) L-Aġenzija għandha timplimenta l-baġit operattiv skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nruº1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 li jistabbilixxi regolament standard finanzjarju għall-aġenziji eżekuttivi skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nruº58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità [3].

(1) ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1
(2) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1
(3) ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1821/2005 (ĠU L 293, 9.11.2005, p. 10).

(10) Analiżi tal-benefiċċji għall-ispejjeż li twettqet għal dak il-għan wriet li l-ħolqien ta' aġenzija eżekuttiva għar-riċerka jġib miegħu vantaġġi kemm f'termini finanzjarji kif ukoll mhux finanzjarji.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Aġenziji Eżekuttivi.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Twaqqif ta' l-Aġenzija**

1. B'dan qed tiġi mwaqqfa aġenzija eżekuttiva (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") għall-ġestjoni ta' l-attività tal-Komunità fis-settur tar-riċerka, li l-istatut tagħha huwa regolat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003,

2. L-isem ta' l-Aġenzija għandu jkun l-"Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka".

*Artikolu 2*

**Post**

L-Aġenzija għandu jkollha l-uffiċċju tagħha fi Brussell.

*Artikolu 3*

**Terminu ta' żmien**

L-Aġenzija hija b'dan stabbilita għal perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2008 u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 4*

**Għanijiet u kompiti**

1. B'dan, l-Aġenzija qed tiġi fdata, fil-qafas tas-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għal attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (2007-2013) stabbilit bid-Deċiżjoni Nru°1982/2006/KE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-Programm Kwadru), b'dawn il-kompiti li ġejjin:

(a) il-ġestjoni ta' fażijiet tul il-ħajja ta' proġetti speċifiċi fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni ta' ċerti oqsma tal-Programm Speċifiku Nies abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/973/KE [1] u l-programm ta' ħidma li ġew adottati mill-Kummissjoni, kif ukoll il-kontrolli meħtieġa għal dak il-għan, u biex tadotta d-deċiżjonijiet rilevanti kull fejn il-Kummissjoni tagħtiha s-setgħa biex tagħmel dan;

(b) il-ġestjoni ta' fażijiet tul il-ħajja ta' proġetti speċifiċi fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni ta' l-iskemi fi ħdan dik il-parti tal-Programm Speċifiku Kapaċitajiet tar-Riċerka għall-Benefiċċju ta' l-SMEs abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/974/KE [2] u l-programm ta' ħidma li ġew adottati mill-Kummissjoni, kif ukoll il-kontrolli meħtieġa għal dak il-għan, u biex tadotta d-deċiżjonijiet rilevanti kull fejn il-Kummissjoni tagħtiha s-setgħa biex tagħmel dan;

(ċ) il-ġestjoni ta' fażijiet tul il-ħajja ta' proġetti speċifiċi fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni ta' ċerti oqsma fl-ambitu tat-temi ta' "Spazju" u "Sigurtà" tal-Programm Speċifiku Kooperazzjoni abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/971/KE [3] u l-programm ta' ħidma li ġew adottati mill-Kummissjoni, kif ukoll il-kontrolli meħtieġa għal dak il-għan, u biex tadotta d-deċiżjonijiet rilevanti kull fejn il-Kummissjoni tagħtiha s-setgħa biex tagħmel dan;

(d) l-adozzjoni ta' l-istrumenti għall-eżekuzzjoni tal-baġit għad-dħul u l-infieq u, fil-każi fejn il-Kummissjoni tagħtiha s-setgħa tagħmel dan, it-twettiq ta' kull operazzjoni meħtieġa għat-tmexxija tal-partijiet tal-programm Komunitarju msemmija taħt punti a, b u ċ, b'mod partikolari, dawk marbuta ma' l-għoti ta' kuntratti u ta' għotjiet;

(e) il-ġabra, l-analiżi u t-trasferiment lill-Kummissjoni tat-tagħrif kollu meħtieġ bħala gwida għall-implimentazzjoni tal-partijiet tal-programm Komunitarju msemmija hawn fuq f'punti a, b u ċ;

(f) il-forniment ta' sostenn loġistiku u amministrattiv lill-Programmi Speċifiċi Kapaċitajiet, Kooperazzjoni u Nies partikolarment fl-oqsma ta' pubblikazzjoni tas-sejħiet, ta' lqugħ u evalwazzjoni tal-proposta, ta' l-ikkuntrattjar ta' l-evalwaturi, fit-tħejjija ta' ħlasijiet għall-evalwaturi u l-verifika dwar il-vijabbiltà finanzjarja.

2. Wara li tkun irċeviet l-opinjoni tal-Kumitat għall-Aġenziji Eżekuttivi stabbilit taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, il-Kummissjoni tista' tagħti s-setgħa lill-Aġenzija, biex twettaq il-kompiti ta' l-istess tip skond il-Programm Kwadru, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1.

3. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddelega l-awtorità lill-Aġenzija għandha tiddefinixxi fid-dettal ix-xogħlijiet kollha fdati lilha u għandha tiġi emendata fid-dawl ta' kull kompitu addizzjonali li jista' jkun fdat lill-Aġenzija. Din għandha tintbagħat, għall-finijiet ta' informazzjoni, lill-Kumitat għall-Aġenziji Eżekuttivi.

[1] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 272

[2] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 299

[3] ĠU L 400, 30.12.2006, p. 86

*Artikolu 5*

**Struttura organizzattiva**

1. L-Aġenzija għandha tiġi mmexxija minn Kumitat ta' Ġestjoni u minn Direttur maħtur mill-Kummissjoni.

2. Il-membri tal-Kumitat ta' Ġestjoni għandhom jinħatru għal perjodu ta' sentejn.

3. Id-Direttur ta' l-Aġenzija għandu jinħatar għal perjodu ta' erba' snin.

4. Il-ħatriet tal-membri tal-Kumitat ta' Ġestjoni u tad-Direttur jistgħu jiġġeddu.

*Artikolu 6*

**Għotjiet**

L-Aġenzija tirċievi għotjiet inklużi fil-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej li jiġu mill-fondi allokati lill-programmi msemmija fl-Artikolu 4(1) u, fejn jixraq, mill-fondi allokati lil partijiet oħra tal-Programm Kwadru, li l-implimentazzjoni tagħhom ġiet fdata lill-Aġenzija bis-saħħa ta' l-Artikolu 4(2).

*Artikolu 7*

**Superviżjoni u rapportaġġ**

L-Aġenzija għandha tkun suġġetta għas-superviżjoni tal-Kummissjoni u għandha tirrapporta b'mod regolari dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programmi li tkun responsabbli għalihom skond l-arranġamenti u l-perjodi stipulati fid-dokument ta' delega.

*Artikolu 8*

**Implimentazzjoni tal-budget operattiv**

L-Aġenzija għandha timplimenta l-baġit operattiv tagħha skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004.

Magħmula fi Brussell, 14 ta' Diċembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Janez POTOČNIK

*Membru tal-Kummissjoni*